MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

20 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezzjoni tas-Sinjuri Mangion u Scerri u Brincat li waslu 5.33pm, 5.35pm u 5.37pm rispettivament. Il-laqgħa bdiet fil-ħin minħabba li kien hemm quorum.

Is-Sur Victor Galea qal li kif għadha kif għaddiet il-festa jħoss li l-Kunsill għandu jwassal messaġġ sabiex jekk nistgħu ngħinu lill-għaqdiet fejn nistgħu.

Is-Sindku talab sospensjoni biex titkellem is-Sinjura Josette Parnis għan-nom ta' residenti minn Triq il-Ħafur fuq applikazzjoni ta' *change of use* minn *Class Warehouse to Class 4A Sales Office with limited storage for medicines*. Is-Sinjura Parnis talbet sabiex jekk il-Kunsill jiġi mitlub ma jinħarġux permessi għall-parkeggi u *un/loading bays*. Is-Sur Cordina qal li parkeggi u tali permessi huma a diskrezzjoni ta' Transport Malta. Is-Sinjura Parnis qalet li l-permess tal-PA ġie *refused* imma xorta għadhom joperaw. Il-Perit Schembri qal li jekk hu hekk iċemplu l-*enforcement officers* tal-PA. Is-Sur Cordina qal ukoll li r-*Residents Parking Schemes* huma preżentament sospiżi minħabba problema li nqalgħet ġewwa tas-Sliema minħabba li b'din l-iskema naqas il-parkeġġ għall-barranin.

Is-Sinjura Parnis irringrazzjat lill-Kunsill. Fuq nota oħra is-Sinjura Parnis talbet lill-Kunsill permess biex tkun tista' toqgħod ftit siegħat fl-entratura tal-Kunsill u tistaqsi xi mistoqsijiet lir-residenti relatati mal-farmaċewtika u t-tesi tagħha. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

Tkellem ukoll is-Sur Lawrence Abela fuq l-istat tal-għalqa ħdejn il-flats tal-Gvern li gabha fiha kuntrattur li qed jaħdem fuq il-*lifts* tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern Block A2. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Amministrazzjoni kienet ġa waslet ilment lill-Awtorità tad-Djar imma jekk hemm bżonn jerġgħu jiktbu. Is-Sur Abela lmenta fuq is-siġar u li kulħadd jagħmel li jrid u jiżra li jrid. Talab kontroll u tindif tal-area. Is-Sur Cordina qal li x-xogħol fuq il-ġonna ġa beda u bi hsiebu jkompli. Is-Sur Abela saqsa fuq tabella li hemm imwaħħla fejn hemm il-garaxx. Is-Sur Cordina qal li din hija temporanja sakemm jitlestew ix-xogħolijiet fi Triq il-Ġamar. Is-Sur Abela rringrazzja l-Kunsill.

Tkellmu wkoll rappreżentanti minn Criere Limited fuq LED stones li għandhom lifetime ta' 50,000hrs u jżervu bejn 12-il sena 8 siegħat kuljum. Is-Sur Galea saqsa jekk il-materjal hux porfido? Is-Sur Pierre Bugeja qal dawn huma magħmulin minn Diods, *transformers* u resin porfido. Is-Sur Cordina rringrazzja lis-Sinjuri u qal li l-Kunsill ha jikkunsidra fejn jista' jsir dan it-tip ta' xogħol forsi f'xi zebra crossings jew ġonna.

## 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

3.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

3.3.1 Approvazzjoni sabiex tkun tista' tiġi ċ-ċirkulata Data privata minn DLG għall-Dipartimenti oħra. Ħadd ma kellu oġġezzjoni.

3.3.2 Approvazzjoni sabiex isiru tiswijiet tal-kompjuters b'xejn lir-residenti ta' Ħ'Attard b'arrangament ta' laptop kull resident għas-somma annwali ta' €4995 VAT eskluża li jista' jiġi mġedded minn sena għall-oħra. Minħabba li ma kienx hemm qbil fuq kemm il-darba li resident jieħu laptop għas-*servicing* ġie deċiż li jiltaqgħu miegħu l-Avukati Caruana u Brincat biex jekk jistgħu iġibu arranġament aħjar a favur ir-resident ikun dejjem aħjar u tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

3.3.3 Komunikazzjoni preċedenti min-naħa ta' DLG li fiha kien stipulat li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv trid tkun persuna fi Skala 11 jew iktar. Kienet intalbet approvazzjoni sabiex tiġi maħtura s-Sinjura Yanica Sammut li s-sodisfatt il-kriterji kollha u fil-fatt din l-approvazzjoni waslet.

## 3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.4.1 Is-Sur John Bonnici:

- Talab biex titnaddaf mera fi Triq l-Imdina.
- Talab biex issir mera ħdejn l-AtoZ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn oħra Triq il-Mosta faċċata ta' The Ivies. Is-Sur Cordina qal li l-aħjar hemmhekk mhux issir mera imma tintalab approvazzjoni lil TM biex jitneħħa l-parkegg ta' mal-entratura tal-garaxxijiet.
- Talab jistax jitnaddaf Wied Irmiedi. L-Avukat Caruana qalet li meta tkellmet mal-Ministru Herrera, hu qalilha li tindif ta' wied wieħed jista' jsir. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien kiteb xi snin ilu sabiex jitnaddaf u jitneħħa wkoll it-tin selvaġġ. Is-Sur Cordina qal li lmenti bħal dawn m'hemmx għalfejn nistennew laqgħa tal-Kunsill meta jistgħu isiru b'telefonata.

3.4.2 Is-Sur Victor Galea:

- Talab biex jingħata n-numru tal-permess tal-Uffiċċini. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tgħaddihulu. L-Avukat Caruana qalet li għandha laqgħa ma' Johann Buttiġieġ il-PA nhar l-4 ta' Settembru fid-9.30 ta' filgħodu. Hi qalet li min jixtieq jiġi jista' basta ma jmorrux Kunsill sħiħ. Il-Perit Schembri u s-Sindku se jippruvaw jattendu.

3.4.3 Dr. Helen Caruana:

- Talbet biex tinżebgħa ż-żebra crossing ta' ħdejn Zahra Enterprises għax kważi sparixxit.
- Talbet jiddiskutu l-iskips ta' Jalies
- Saqsiet x'ġara mid-distribuzzjoni minħabba li l-fuljett ma wasalhiex. Is-Sur Cordina qal li se jiltaqa' mad-distributur.
- Saqsiet x'gara mill-Bring in Site ta' Triq il-Mosta. Is-Sur Cordina qal li tneħħiet ħabba l-ħmieġ li kien qed jintefa' madwarhom u qabel ma Greenpak jagħtuna feedback x'se

jsir fuq l-infurzar ma jistgħux jiġu lura f'posthom. Barra minn hekk ġie suġġerit minn Greenpak li titneħħa l-pittusporum u l-ibins jidħlu l-ġewwa imma s-Sur Cordina ma qabilx li titneħħa. Id-diskussjonjiet ikomplu.

3.4.4 Il-Perit Giorgio Schembri:

- Talab li jsir Traffic Management Plan biex it-traffiku jiġi devjat barra mir-raħal filwaqt li naraw fejn se jitħawwlu s-siġar proposti fis-Central Link bħalha sostituzzjoni għal dawk li se jinqalgħu.

3.4.5 Is-Sinjura Connie Scerri:

- Qalet li ġiet avviċinata mis-Sur Ray Cacciattolo sabiex isiru Yoga classes fil-lokalità. Is-Sur Cordina qalilha biex tgħaddi messaġġ biex jibgħatilna proposal.
- Talbet in-numru tal-Project Manager jew li jingħaddew id-dettalji tagħha lilu sabiex tkun tista' tikkuntatjah fuq xogħolijiet.

3.4.6 Dr. Silvio Brincat;

- Saqsa fuq applikazzjoni għall-Supermarket fi Triq il-Linja. Is-Sur Cordina qal li saret oġġezzjoni għat-tieni darba.
- Saqsa fuq il-Parking ta' ħdejn il-Corinthia minħabba li ġieli kien okkupat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għandu policy u dan il-post jingħata skond ir-regolamenti għall-użu privat.

3.4.7 Is-Sur Remigio Bartolo;

- Qal li f'Mejju se titla' delegazzjoni żgħira Elancourt sabiex tkun parteċipi fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-European Project 2020. Waħda minn dawn l-attivitajiet se tkun esebizzjoni żgħira miċ-ċeramista Paul Haber.
- Talab li Jum H'Attard jiġi nkluż fl-Agenda

## 3.5 Rapport tal-Kwart tas-Sena April-Gunju 2019

3.5.1 Ir-rapport jinsab anness ma' dawn il-Minuti u kien ġa ċirkulat lill-Kunsilliera. Dan ir-rapport ġie approvat

## 3.6 Rapporti

3.6.1 Ma kienx hemm rapporti

## 3.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

3.7.1 Ma kienx *items* oħra għad-diskussjoni.

## 3.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

3.8.1 Approvati wara li saru xi mistoqsijiet minn Dr. Caruana sabiex tiffamiljarezza ruħha mal-krondituri fuq:
Charlie Mifsud – Ġonna
Nadeem Butt – Disinjatur fuljett, posters etc.
Charlie Gauci – Knis
Island Insurance – Third Party & Public Liability Insurance
SRF – Skart

## 3.9 Mozzjonijiet; u

3.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 3.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

3.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Settembru 2019 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Settembru 2019.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv